

32007R0207

28.2.2007

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 61/17

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 207/2007**tas-27 ta' Frar 2007**

li jiddetermina l-ghajjnuna msemmija fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 għall-ħażna privata tal-butir u l-krema u jagħti deroga mir-Regolament (KE) Nru 2771/1999

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 34(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2771/1999 tas-16 ta' Diċembru 1999 jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 f'dak li jirrigwarda l-intervent fis-suq tal-butir u l-krema² jistipula li l-ammont ta' għajjnuna għall-ħażna privata msemmi fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999 għandu jkun iffissat għal kull sena.
- (2) It-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999 jispeċifika li l-ghajjnuna għandha tiġi ffixxata skond l-ispejjeż tal-ħażna u tax-xejra probabbli fil-prezzijiet tal-butir frisk u l-butir mill-ħażniet.
- (3) Rigward l-ispejjeż tal-ħażna, partikularment l-ispejjeż tad-dħul u l-ħruġ tal-prodotti kkonċernati, għandhom jitqiesu l-ispejjeż għal kull jum ta' ħażna fil-kesħa u l-ispejjeż finanzjarji tal-ħażna.
- (4) L-Artikolu 29(1) tar-Regolament (KE) Nru 2771/1999 jistipula li d-dħul fil-ħażna għandu jseħħ bejn il-15 ta' Marzu u l-15 ta' Awwissu. Is-sitwazzjoni attwali fis-suq tal-butir tiġġustifika t-tressiq 'il quddiem tad-data ta' l-operazzjonijiet tad-dħul tal-butir u

¹ ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).

² ĠU L 333, 24.12.1999, p. 11. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1919/2006 (ĠU L 380, 28.12.2006, p. 1).

l-krema fil-ħażna fl-2007 għall-1 ta' Marzu. Minħabba f'hekk, għandha tiġi introdotta deroga minn dak l-Artikolu.

- (5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond il-fehma tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-għajnuna msemmija fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999 għandha tkun ikkalkulata għal kull tunnellata ta' butir jew ekwivalenti tal-butir fuq il-bażi ta' l-elementi li ġejjin għal kuntratti konklużi fl-2007:

- EUR 15.88 għal spejjeż fissi tal-ħażna,
- EUR 0.30 għall-ispejjeż ta' ħażna fil-kmamar tas-silġ għal kull jum ta' ħażna b'kuntratt,
- ammont għal kull jum ta' ħażna b'kuntratt, maħdum fuq il-bażi ta' 90 % tal-prezz ta' l-intervent għall-butir fis-seħħ fil-jum li fih tibda l-ħażna b'kuntratt u fuq il-bażi ta' rata annwali ta' l-imgħax ta' 3.75 %.

2. L-aġenzija ta' l-intervent għandha tirreġistra d-data tal-wasla ta' l-applikazzjoni dwar il-konklużjoni ta' kuntratt kif imsemmi fl-Artikolu 30(1) tar-Regolament (KE) Nru 2771/1999, kif ukoll il-kwantitajiet u d-dati korrispondenti tal-manifattura u l-post li fih il-butir huwa maħżun.

3. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-kwantitajiet koperti matul il-ġimgħa ta' qabel b'dawk l-applikazzjonijiet kull nhar ta' Tlieta mhux aktar tard minn nofsinhar (ħin ta' Brussell).

Artikolu 2

Bħala deroga mill-Artikolu 29(1) tar-Regolament (KE) Nru 2771/1999, id-dħul fil-ħażna fl-2007 jista' jseħħ mill-1 ta' Marzu.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Frar 2007.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni